# IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS

Lill-ħabbieba kollha tal-kotba! Titilfux iċ-ċans li żżuru Kampus Kotba - Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus fil-Kwadranglu tal-Università, li jsir b'ħidma kollaborattiva bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, għaqdiet studenteski u dipartimenti universitarji. Se ssibu dak li tistennew minn festival tal-kotba: l-aqwa pubblikaturi lokali taħt saqaf wieħed, kotba ġodda ta' ġeneri differenti, u programm ta' attivitajiet intriganti. Ingħaqdu magħna bejn l-20 u l-22 ta' Marzu mid-9am 'il quddiem. Ħallu l-eċitament tal-letteratura jterraqkom tul dawn it-tlitt ijiem!

Aktar informazzjoni fuq
**www.ktieb.org.mt**

## PARTEĊIPANTI

Arts Council Malta
EDE Books
Faraxa Publishing
gmu
Horizons
Kite
Kotba Calleja
midsea BOOKS LTD
sks
Ambasáid na hÉireann Embassy of Ireland
L-Università ta' Malta Malta University Press
Malta University Distributors

*Karen Harte's participation is partly sponsored by the Irish Embassy in Malta.*

## ORGANIZZATUR

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

· PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET ·

# KAMPUS KOTBA

the CAMPUS BOOK FEST
IL-11-IL EDIZZJONI
9A.M. SA TARD
20 — 21 — 22 MARZU 2024
IL-KWADRANGLU TAL-UNIVERSITÀ | MSIDA
ktieb.org.mt

KAMPUS KOTBA 2024
**20 | 21 | 22**
**MARZU**
9A.M. SA TARD

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# L-ERBGĦA **20 TA' MARZU**

**WORKING IN BOOK PUBLISHING AS AN ILLUSTRATOR: A WORKSHOP**
**KNK | Karen Harte**

**10:00 - 11:30**

Waqt dan il-workshop l-illustratriċi Irlandiża Karen Harte se tterraq tul il-vjaġġ ta' kif issir illustratur ippubblikat ta' kotba għat-tfal billi tesplora l-iżvilupp tal-istil u l-proċess ta' kif issib il-vuċi tiegħek. www.karenharte.com

*In this workshop Irish illustrator Karen Harte will trace the journey of becoming a published children's book illustrator, exploring style development and the process of finding your voice.* www.karenharte.com

WORKING IN BOOK PUBLISHING AS AN ILLUSTRATOR: WORKSHOP WITH KAREN HARTE

IRREĠISTRA HAWN
*REGISTER HERE*

**POEŻIJA SLAM**
**Għaqda tal-Malti - Università**

**12:00 - 14:00**

L-Għaqda tal-Malti qed tistieden lill-poeti jagħżlu poeżija oriġinali minn tagħhom u jagħtuha bixra performattiva permezz ta' leħinhom u ġisimhom, u xejn iżjed.

*Għaqda tal-Malti invites poets to select an original poem and deliver it solely through the expressive use of their voices and bodies, without any additional props or aids.*

**LITERARY DRAMATICS: STUDENT MONOLOGUES FEATURING LON KIRKOP**
**USPA, KNK**

**14:00 - 16:00**

Studenti tal-arti perfomattiva jagħtu l-ħajja lil testi letterarji Maltin permezz ta' monologi teatrali. Il-mistieden speċjali Lon Kirkop se jagħti togħma teatrali brillanti lil din l-attività.

*Student performers bringing Maltese literary texts to life through theatrical monologues. Special guest Lon Kirkop adds a touch of theatrical brilliance to the event.*



# IL-ĦAMIS **21 TA' MARZU**

**BECOMING A CHILDREN'S BOOK ILLUSTRATOR: A ROUNDTABLE DISCUSSION**
**KNK | Karen Harte, Moira Scicluna Zahra, Claudia Aloisio, Giuliana Fenech (mod.)**

**10:00 - 11:00**

Diskussjoni madwar il-mejda fuq il-proċess ta' kif issir illustratur ta' kotba ppubblikati għat-tfal, bil-parteċipazzjoni tal-mistiedna speċjali tal-festival, l-illustratriċi Irlandiża Karen Harte.

*A roundtable discussion on the process of becoming a published children's book illustrator featuring the festival's special guest, Irish illustrator Karen Harte.*

**MALTESE WRITING IN ENGLISH: WHAT DOES *M* STAND FOR?**
**Horizons | David Samuel Hudson, Daniel Xerri**

**11:00 - 12:00**

Fuq xiex inhu l-ewwel rumanz ta' David Samuel Hudson, M, u x'jagħmlu differenti minn kull rumanz ieħor li rajna fil-kuntest Malti?

*What is David Samuel Hudson's debut novel, M, about, and why is this book different from everything we've seen in the Maltese context?*

**THE 1749 SLAVES PLOT: FROM ARCHIVAL RESEARCH TO THE NATIONAL BOOK PRIZE**
**MUHS, KNK | William Zammit**

**12:00 - 13:00**

Sessjoni ta' MuT mis-Soċjetà Storika tal-Università Maltija (MUHS) mal-Professur William Zammit dwar l-aħħar xogħol tiegħu, *Slavery, Treason and Blood* li rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023.

*A Q&A by the Malta University Historical Society (MUHS) and Prof. William Zammit on his latest published work and 2023 National Book Prize winner Slavery, Treason and Blood.*

**IL-KLIEM FIT-TEORIJA**
**Aphroconfuso | Aaron Aquilina, Omar N'Shea, Noah Fabri**

**13:00**

"Il-Kliem fit-Teorija" proġett tal-ġurnal letterarju Aphroconfuso b'kittieba u speċjalisti jiddiskutu t-traduzzjoni fil-Malti ta' kliem fil-ħsieb kontemporanju, u kif id-diffikultà tat-traduzzjoni tista' ssir privileġġ.

*"Il-Kliem fit-Teorija" is a project by the literary journal Aphroconfuso in which writers and specialists discuss the translation into Maltese of words in contemporary thought, and how the difficulty of translation can become a privilege.*

**"TKELLEM BIL-MALTI!": TAĦDITA DWAR L-INGLIŻ FIL-MALTI**
**Għaqda tal-Malti - Università | Michael Spagnol**

**14:00**

Michael Spagnol se jmexxi taħdita interessanti dwar is-self tal-Malti mill-Ingliż, esplorazzjoni li kapaċi twassalna eqreb lejn tweġiba għall-mistoqsija: "X'inhu u x'mhuwiex il-Malti?".

*Michael Spagnol will delve into an interactive discussion on English loanwords in Maltese, ultimately prompting reflection on the question: "What's Maltese, and what isn't?".*

**WRITING ABOUT WRITING**
**Kotba Calleja | Victor Calleja**

**15:00**

F'dan il-workshop Victor Calleja se jkun qed jaqsam tekniċi u pariri dwar kif hu jiżviluppa l-kitbiet tiegħu, b'mod partikolari l-esejs personali u l-artikli ta' opinjoni.

*During this hands-on workshop VictorCalleja will be sharing some tips and insights into how he approaches his writing, in particular his personal essays and opinion pieces.*

**www.ktieb.org.mt**

# IL-ĠIMGĦA **22 TA' MARZU**

**THE USE OF AI-GENERATED IMAGERY AS AN IDEA GENERATION TOOL FOR ARTISTS**
**ACM | Audrey Degiorgio**

**10:00 - 11:30**

L-għan ta' dan il-workshop huwa li jindirizza l-konverżazzjoni diffiċli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, l-etika u l-ksur tad-drittijiet tal-awtur.

*This workshop aims to traverse the difficult conversation between Artificial Intelligence, ethics and copyright infringement.*

**DESA'S BOOK CLUB: *HOME FIRE* BY KAMILA SHAMSIE**
**DESA | Aaron Aquilina, Nikolai Zammit**

**12:00 - 13:00**

Klabb tal-kotba mmexxi minn Aaron Aquilina u Nikolai Zammit dwar *Home Fire*, riinvenzjoni ta' *Antigone* ta' Sofokli iżda dwar il-Musulmani fl-Ingilterra. *Home Fire* rebaħ il-Women's Prize for Fiction fl-2018.

*A co-chaired book club about Home Fire – a modern day reimagining of Sophocles's Antigone about Muslims in Britain, which won the Women's Prize for Fiction in 2018.*

**L-AĊĊESS U S-SOSTENIBBILTÀ: IL-PUBBLIKAZZJONI U R-RIŻORSI DIĠITALI GĦALL-MALTI**
**KNK | Michael Spagnol, Chris Gruppetta, Franco Curmi**

**13:00**

Din id-diskussjoni dinamika tesplora l-bilanċ delikat bejn iż-żieda fil-bżonn għal riżorsi diġitali online u d-diffikultajiet li jaffaċċjaw il-pubblikaturi kummerċjali, u anki dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-użu tar-riżorsi online fil-pubblikazzjoni kummerċjali.

*This dynamic roundtable discussion explores the delicate balance between the increasing demand for online digital resources and the challenges faced by commercial publishers, delving also into the financial implications of the use of free online resources on commercial publishing.*

**AQRA FILM: IL-LINGWA TAĊ-ĊINEMA U T-TELEVIXIN**
**Għaqda tal-Malti | Abigail Mallia, Carlos Debattista (Take//Two)**

**14:00 - 16:00**

Diskussjoni interattiva dwar il-lingwa mistura tal-films u s-serje televiżivi, li bħala udjenza naqrawha u nifhmuha bla ma nintebħu.

*A workshop delving into the hidden language of films and TV series, one that audiences instinctively comprehend without being aware.*

**IL-VJAĠĠ TAL-KITBA**
**Malta University Distributors | Wayne Farrugia**

**16:00 - 17:00**

L-awtur jitkellem dwar il-ġabra ta' novelli tiegħu *L-Aħħar Petala u Novelli Oħrajn*, u jfannad fil-vjaġġ li jieħu kull darba li jiġi biex jikteb xi ħaġa kreattiva.

*The author speaks about his short story collection L-Aħħar Petala u Novelli Oħrajn, and delves into the journey undertaken every time he writes something creative and original.*

***68 SECONDS*: WRITING CATHARSIS, A READING**
**Kotba Calleja | Donna Darmanin**

**17:00 - 18:00**

Il-poeżija ta' Donna Darmanin hija djarju dwar ħajja domestika mqallba, mimlija vjolenza. Ix-xbihat tagħha huma ħorox u vjolenti, degradanti, irrabjati, devastanti. Lil dawk li abbużawha tħarsilhom dritt f'għajnejhom.

*Donna Darmanin's debut poetry book is a confessional journal of a highly dysfunctional domestic life. Her imagery is often violent, degrading, angry, resentful, devastating. She looks her perpetrators in the eye.*